Jekk tqim l-Ilsien Malti,
m'intix raġel bnin...
Tkun sbaqt lil Virġilju,
jekk ktibt bil-Latin!?

Jekk int m'intix Abjad,
jagħmluk Aħmar nar!...
Titħallel mal-Għonja!
Tirtifes mal-Fqar!

Jistmerrek ta' l-Ewwel
mat-Tieni jekk tmur:
jekk tagħżel it-Tielet,
taqagħlek: Pinnur!

Jekk ħaj trid titqabad
biex tirbaħ għal dejjem
u titlef sa tmut,
hemm biss it-Tebut!

3. 9. 47.

---

## LEĠĠENDA

*Traduzzjoni ta'* MAY BUTCHER *mir-Russu ta' Plescheieff*

Kristu kellu ġnejna żgħira,
Ħafna ward Hu ħawwel fiha
Biex fli ġej klil Huwa jidfor,
Tliet darbiet kull jum saqqieħa.

Xħin il-ward fi żmienu fetaħ,
Lit-tfal lhud tahom il-merħba.
Qatgħu kollox. Xejn ma baqa',
Huma għamlu l-ġnejna ħerba.

"Issa kif sa tidfor klejla?
M'għandekx iktar ward fil-ġnien."
Kristu qal: "Insejtu. Għandi
Għad ix-xewk ma' kullimkien."

Għalhekk huma mix-xewk dafru
Klil niggież imbagħad għalih.
Flok il-ward qatriet minn Demmu
Żejnu 'l Ġbinu minnufih,



# Il-Kanonku Caruana bħala Diplomatiku

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

KULTANT fid-dinja jiġu żmenijiet li jqallbu l-ħajja u l-ħsieb tal-bnedmin; dan it-taqlib fil-ħajja donnu hu ta' ħtieġa biex il-ġnus jinfatmu minn drawwiet u teħmiet qodma u jiġġeddu fil-għajxien ta' ħajjithom u r-ridiet ta' moħħhom. Dan it-taqlib jitnissel minn bosta ċirkustanzi, xi drabi hekk żgħar li wieħed qajla jintebaħ bihom. Bħalma żiffa ħafifa, għall-ewwel, wieħed ma jqishiex, imma jekk iżżid tonfoħ tqajjem riħ qawwi u fl-aħħar iġġib uragan li jiknes kull ma jsib quddiemu, hekk ċirkustanza ta' xejn tista' taħti għal oħrajn u kolliha flimkien inisslu ġrajja li jaqilbu d-dinja ta' taħt fuq.

Imma ċ-ċirkustanzi weħedhom ma jisfgħu f'xejn jekk ma jkunx hemm il-bniedem li bil-ħidma tiegħu jinqeda b'dawk iċ-ċirkustanzi biex jagħti xejra jew skop lill-ġrajjiet li jinbtu minnhom. Minn hawn ġej li kull epoka jew żmien li ħallew impressjoni fuq il-ġnus, jintrabtu ma' xi nies li isimhom ifakkar f'dik l-epoka, għax dawk in-nies u dik l-epoka jkunu midmumin hekk flimkien li wieħed ma jistax jingħażel mill-ieħor.

Waħda mill-epoki l-aktar imsemmija fl-istorja ta' Malta, hu żmien il-Franċiżi u meta nsemmu żmien il-Franċiżi bla ma rridu niftakru fil-Kanonku Franġisku Saverju Caruana li dik il-ħabta mhux biss kien il-kap tal-Maltin u Ġeneral tal-Forzi tagħhom, iżda kellu sehem kbir ferm fit-tiswir tal-ħajja nazzjonali ta' Malta, fir-relazzjonijiet li din il-gżira kellha mal-barranin u fuq kollox hu kien ta xejra ġdida lill-politika Maltija, ħariġha mill-ambjent Mediterran u daħħalha fl-isfera internazzjonali.

Dun Franġisk Saverju Caruana kien raġel ta' bosta sejħat u għadda 'l quddiem f'kull triq li qabad: minn qassis sar Kanonku, minn Professur sar Rettur ta' l-Università, minn Kmandant ta' belt twelidu Ħaż-Żebbuġ sar Ġeneral u Kap ta' l-Assemblea Nazzjonali jew Gvern Malti u minn Vigarju sar Isqof ta' Malta. Imma jien l-aktar li nammira lill-Isqof Caruana bħala diplomatiku.

Hu kien wieħed mill-aqwa diplomatiċi li qatt kellha l-gżira